TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/72/12/S

Patrick Schembri
Vs
The UK Car Company Limited

Illum 22 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-attur Patrick Schembri datata 5 ta'Marzu,2012 filwaqt li s-socjeta konvenuta The UK Car Company Limited baqghet ma rrisponditx u ebda rapprezentant ma deher ghas-smiegh tal-kaz;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur Patrick Schembri u t-trattazzjoni tieghu;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu li inghata fuq vettura li ingiebet mis-socjeta konvenuta fuq ordni tal-attur li pero kif waslet Malta, irrizulta li kellha diversi difetti li ma kinux maghrufa qabel meta giet ordnata;

Illi fis-seduta tat-18 ta'Mejju,2012 deher biss l-attur Patrick Schembri filwaqt li ghalkemm debitament notifikata, hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta;

Illi t-talba tal-attur ma gietx kuntradetta bl-ebda mod mis-socjeta konvenuta ghalkemm kellha kull cans taghmel dan;

Illi s-somma ta' €3100 thallset mill-attur lis-socjeta konvenuta bhala akkont tal-prezz tal-vettura migjuba Malta;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Patrick Schembri u konsegwentement, Jordna lis-socjeta The UK Car Company Limited thallas lura lil Patrick Schembri s-somma ta' tlitt elef u mitt ewro (€3100) flimkien mal-interessi mid-9 ta'Jannar,2012 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati unikament mis-socjeta konvenuta The UK Car Company Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru